



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14785/21
PV CONS 46
SOC 727
EMPL 544
SAN 740
CONSOM 286

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

(Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)

6 u 7 ta' Diċembru 2021

WERREJ

Pàġna

1.	Adozzjoni tal-aġenda	5
2.	Approvazzjoni ta' punti "A" Lista mhux leġiżlattiva	5

IMPJIEGI U POLITIKA SOĊJALI

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

3.	Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea	5
4.	Direttiva dwar miżuri vinkolanti ta' trasparenza fil-pagi	5
5.	Direttiva dwar it-trattament ugwali (Artikolu 19)	5

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

6.	Semestru Ewropew	6
a)	L-Istħarriġ Annwali tal-2022 dwar it-Tkabbir (SAT), ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija (AMR), l-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) u l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro	
b)	Rieżami tal-EMCO tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ - messaġġi ewlenin	
c)	Aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Aċċess għall-Protezzjoni Soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom	
7.	Lejn Ewropa ta' Ugwaljanza	7
8.	Konklużjonijiet dwar xogħol sostenibbli tul il-ħajja	7
9.	Konklużjonijiet dwar l-impatt tal-intelliġenza artifiċjali fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol	7

Affarijiet oħra

10.	a)	Proposti leġiżlattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)	7
	i)	Reviżjoni tar-Regolamenti dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (883/04 u 987/09)	
	ii)	Reviżjoni tad-Direttiva dwar karċinoġeni u mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (ir-raba' sett)	
	iii)	Direttiva dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet tal-kumpanniji	
	b)	ALMA (Aim, Learn, Master, Achieve)	8
	c)	Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u l-istat soċjali.....	8
	d)	Konferenzi tal-Presidenza	8
	i)	Konferenza ta' livell għoli dwar Ix-Xogħol ta' Kwalità għall-Kwalità tal-Ħajja (virtwali, 7 ta' Ottubru 2021)	
	ii)	Konferenza: Garanzija għat-Tfal - opportunitajiet indaqs għal kull tifel/tifla (virtwali, 9 ta' Novembru 2021)	
	iii)	Konferenza: Id-Drittijiet tal-Bniedem għall-Etajiet Kollha: Il-Promozzjoni ta' Perspettiva ta' Kors tal-Ħajja u Kooperazzjoni Interġenerazzjonali għall-Ġlieda Kontra l-Etażmu (virtwali, 18 ta' Novembru 2021)	
	iv)	Konferenza: L-għoti tas-setgħa lill-persuni b'diżabbiltà biex jipparteċipaw bis-sħiġ fis-soċjetà, billi tiżdied il-mobbiltà tagħhom	
	v)	Webinar: Il-bini ta' spazji diġitali sikuri għan-nisa u l-bniet – Inwaqqfu l-vjolenza ċibernetika! (virtwali, 25 ta' Novembru 2021)	
	e)	Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss	8

SAĦĦA

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

11.	Regolament tal-Kunsill dwar il-qafas ta' emerġenza fir-rigward ta' kontromiżuri mediċi	9
12.	Konklużjonijiet dwar it-Tishiġ tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa	9
13.	COVID-19 – Rispons attwali u futur għall-pandemija.....	9

Affarijiet oħra

14. a)	Proposti leġiżlattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)	10
i)	Regolament dwar rwol imsaħħaħ għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fit-tħejjija għall-kriżijiet u fil-maniġġar tagħhom għall-prodotti mediċinali u għall-apparati mediċi	
ii)	Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 851/2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard	
iii)	Regolament dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE	
iv)	Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2017/746 fir-rigward ta' dispożizzjonijiet tranżizzjonali għal ċertu apparat mediku dijanjostiku in vitro u applikazzjoni differita tar-rekwiżiti għall-apparat intern	
b)	Rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 dwar il-prodotti bijoċidali	10
c)	Strateġija farmaċewtika għall-Ewropa u inizjattivi oħra li ġejjin	11
d)	Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer.....	11
e)	Sessjoni speċjali tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa dwar it-tħejjija u r-rispons għall-pandemiji (virtwali, 29 ta' Novembru - 1 ta' Diċembru 2021)	11
f)	Konvenzjoni ta' Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (FCTC): Id-disa' sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet (COP9) (virtwali, 8 - 13 ta' Novembru 2021).....	11
g)	Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss	11
ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill		12

LAQGĦA TAT-TNEJN 6 TA' DIĊEMBRU 2021

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 14335/21 + COR 1.

2. Approvazzjoni ta' punti "A"

Lista mhux leġislattiva

14488/21

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 14488/21, inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni.

IMPJIEGI U POLITIKA SOĊJALI

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea *Approċċ ġenerali*



14366/21

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali kif jinsab fid-dokument 14366/21 u qabel li l-Presidenza tingħata l-mandat biex tmexxi negozjati mal-Parlament Ewropew fuq dik il-bażi.

Id-dikjarazzjoni mill-Iżvezja tinsab fl-Anness għal dawn il-minuti.

4. Direttiva dwar miżuri vinkolanti ta' trasparenza fil-pagi *Approċċ ġenerali*



14317/21 + ADD 1

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali kif jinsab fid-dokument 14317/21 u qabel li l-Presidenza tingħata l-mandat biex tmexxi negozjati mal-Parlament Ewropew fuq dik il-bażi.

Id-dikjarazzjonijiet mill-Ungerija u l-Polonja jinsabu fl-Anness għal dawn il-minuti.

5. Direttiva dwar it-trattament ugwali (Artikolu 19) *Rapport ta' progress*



14046/21

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress dwar id-Direttiva dwar it-trattament ugwali kif jinsab fid-dokument 14046/21.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

6. Semestru Ewropew 2022 *Dibattitu ta' orjentazzjoni*

 14109/21

- a) **L-Istħarriġ Annwali tal-2022 dwar it-Tkabbir (SAT), ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija (AMR), l-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) u l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro**
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni 14145/21
14143/21
14267/21 + ADD 1
14146/21
- b) **Rieżami tal-EMCO tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ - messaġġi ewlenin**
Approvazzjoni 14111/21
+ ADD 1-2
- c) **Aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Aċċess għall-Protezzjoni Soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom**
Preżentazzjoni mill-President tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali 14150/21

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Istħarriġ Annwali tal-2022 dwar it-Tkabbir (SAT), ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija (AMR), l-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) u l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro kif jinsabu fid-dokumenti 14145/21, 14143/21, 14267/21 + ADD 1 u 14146/21.

Il-Kunsill ħa nota wkoll ta' preżentazzjoni mill-President tal-KPS dwar Aġġornament tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Aċċess għall-Protezzjoni Soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom abbażi tad-dokument 14150/21.

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-Semestru Ewropew 2022 abbażi ta' nota ta' gwida mill-Presidenza kif jinsab fid-dokument 14109/21.

Il-Kunsill approva l-messaġġi ewlenin tal-EMCO dwar ir-Rieżami tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ kif jinsab fid-dokument 14111/21.

7. **Lejn Ewropa ta' Ugwaljanza**
Dibattitu ta' orjentazzjoni

 14157/21

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni intitolat Lejn Ewropa ta' Ugwaljanza abbażi ta' nota ta' gwida mill-Presidenza kif jinsab fid-dokument 14157/21.

8. **Konklużjonijiet dwar xogħol sostenibbli tul il-ħajja**
Approvazzjoni

 13994/1/21 REV 1
+ REV 1 COR 1
+ REV 1 ADD 1
+ REV 1 ADD 1
COR 1

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokumenti 13994/1/21 REV1 + REV 1 COR1.

Id-dikjarazzjoni mill-Polonja tinsab fl-Anness għal dawn il-minuti.

9. **Konklużjonijiet dwar l-impatt tal-intelliġenza artifiċjali fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol**
Approvazzjoni

 13976/21 + COR 1
+ ADD 2

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument 13976/21 + COR 1.

Id-dikjarazzjonijiet mill-Ungerija u l-Polonja jinsabu fl-Anness għal dawn il-minuti.

Affarijiet oħra

10. a) **Proposti leġislattivi attwali**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8)
tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)



i) **Reviżjoni tar-Regolamenti dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (883/04 u 987/09)**

15642/16
+ ADD 1 REV 1

ii) **Reviżjoni tad-Direttiva dwar karċinoġeni u mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (ir-raba' sett)**

11188/20
+ ADD 1

iii) **Direttiva dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet tal-kumpanniji**

16433/12

Informazzjoni mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali tan-negożjati dwar:

- ir-Reviżjoni tar-Regolamenti dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (883/04 u 987/09);
- ir-Reviżjoni tad-Direttiva dwar karċinoġeni u mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (ir-raba' sett);
- il-proposta għal Direttiva dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet tal-kumpanniji.

- b) **ALMA (Aim, Learn, Master, Achieve)** [2]
Informazzjoni mill-Kummissjoni
 Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-inizjattiva l-għdida tagħha ALMA - Aim, Learn, Master, Achieve.
- c) **Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u l-istat soċjali** [2]
Informazzjoni mill-Kummissjoni
 Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u l-istat soċjali.
- d) **Konferenzi tal-Presidenza** [2]
- i) **Konferenza ta' livell għoli dwar l-Xogħol ta' Kwalità għall-Kwalità tal-Ħajja (virtwali, 7 ta' Ottubru 2021)**
 Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.
- ii) **Konferenza: Garanzija għat-Tfal - opportunitajiet indaqs għal kull tifel/tifla (virtwali, 9 ta' Novembru 2021)** 14639/1/21 REV 1
- iii) **Konferenza: Id-Drittijiet tal-Bniedem għall-Etajiet Kollha: Il-Promozzjoni ta' Perspettiva ta' Kors tal-Ħajja u Kooperazzjoni Interġenerazzjonali għall-Ġlieda Kontra l-Etaiżmu (virtwali, 18 ta' Novembru 2021)** 14641/21
- iv) **Konferenza: L-għoti tas-setgħa lill-persuni b'diżabbiltà biex jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà, billi tiżdied il-mobbiltà tagħhom (virtwali, 20 ta' Novembru 2021)** 14646/21
- v) **Webinar: Il-bini ta' spazji diġitali sikuri għan-nisa u l-bniet – Inwaqqfu l-vjolenza ċibernetika! (virtwali, 25 ta' Novembru 2021)** 14647/21
Informazzjoni mill-Presidenza
 Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar il-konferenzi, abbażi tad-dokumenti 14639/1/21 REV 1, 14641/21, 14646/21 u 14647/21.
- e) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża

LAQGĦAT TAT-TLIETA 7 TA' DIĊEMBRU 2021

SAĦĦA

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

- 11. Regolament tal-Kunsill dwar il-qafas ta' emerġenza fir-rigward ta' kontromiżuri mediċi** C  14032/21
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikolu 122(1) TFUE)
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-qafas ta' emerġenza fir-rigward ta' kontromiżuri mediċi abbażi ta' nota pprovduta mill-Presidenza fid-dokument 14032/21.

- 12. Konklużjonijiet dwar it-Tisħiħ tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa**  14029/21
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva t-test tal-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument 14029/21.

- 13. COVID-19 – Rispons attwali u futur għall-pandemija**  14057/1/21 REV 1
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar "Covid-19 – rispons attwali u futur għas-sitwazzjoni pandemika" abbażi ta' nota pprovduta mill-Presidenza fid-dokument 14057/1/21 REV 1.

Affarijiet oħra

14. a) Proposti leġiżlattivi attwali



(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

- i) **Regolament dwar rwol imsaħħaħ għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fit-thejjja għall-kriżijiet u fil-maniġġar tagħhom għall-prodotti mediċinali u għall-apparati mediċi** 12971/20
- ii) **Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 851/2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard** 12972/20
- iii) **Regolament dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE** 12973/20 + ADD 1
- iv) **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2017/746 fir-rigward ta' dispożizzjonijiet tranżizzjonali għal ċertu apparat mediku dijanjostiku in vitro u applikazzjoni differita tar-rekwiżiti għall-apparat intern** 12884/21

Informazzjoni mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali tan-negożjati dwar l-erba' proposti leġiżlattivi attwali u tal-intervent mill-Kummissjoni.

b) **Rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 dwar il-prodotti bijoċidali**



14058/21

Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 dwar il-prodotti bijoċidali.

- c) **Strateġija farmaċewtika għall-Ewropa u inizjattivi oħra li ġejjin** [2] 14059/21
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar l-istrateġija farmaċewtika għall-Ewropa u inizjattivi oħra li ġejjin u tal-intervent mid-delegazzjoni NL dwar l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa.

- d) **Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer** [2] 14060/21
Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u mill-Kummissjoni dwar il-"Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer".

- e) **Sessjoni speċjali tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa dwar it-tħejjija u r-rispons għall-pandemiji (virtwali, 29 ta' Novembru - 1 ta' Diċembru 2021)** [2] 14065/21
Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u mill-Kummissjoni dwar is-sessjoni speċjali virtwali tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa dwar it-tħejjija u r-rispons għall-pandemiji.

- f) **Konvenzjoni ta' Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (FCTC): Id-disa' sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet (COP9) (virtwali, 8 - 13 ta' Novembru 2021)** [2] 14034/21
Informazzjoni mill-Presidenza u mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u mill-Kummissjoni dwar id-disa' sessjoni virtwali tal-Konvenzjoni ta' Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (FCTC).

- g) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża



L-ewwel qari



Proċedura leġiżlattiva speċjali



Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (l-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" li jinsabu fid-dokument 14335/21**Dwar il-punt "B"
nru 3:****Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea**
*Approċċ ġenerali***DIKJARAZZJONI MILL-IŻVEZJA**

"Il-mudell Żvediż tal-formazzjoni tal-pagi, ikkaratterizzat minn riżultati eċċellenti kemm għall-ħaddiema kif ukoll għan-negozji u kopertura għolja tan-negozjar kollettiv, ġie ppreżentat bħala sors ta' ispirazzjoni f'dan id-dossier. Ingħataw assigurazzjonijiet li ma hemm l-ebda intenzjoni li jinbidel jew jiġi mminat il-mudell Żvediż. L-Iżvezja tilqa' l-isforzi li saru mill-Presidenza Slovena biex tindirizza t-tħassib fir-rigward tar-rispett tal-kompetenzi u t-tradizzjonijiet nazzjonali kif ukoll l-awtonomija tas-sħab soċjali.

It-test kif inhu issa jistipula b'mod ċar li din hija direttiva qafas għal pagi minimi adegwati, fejn l-obbligi dwar l-adegwatezza huma limitati għal pagi minimi statutorji. It-test ma jimponix l-iffissar ta' pagi minimi statutorji jew obbligu li l-ftehimiet kollettivi jsiru applikabbli fuq livell ġenerali għall-Istati Membri li fihom il-pagi jiġu ffixxati esklużivament permezz ta' negozjar kollettiv. Din lanqas ma tagħti drittijiet ta' protezzjoni tal-pagi minimi lil hinn minn sitwazzjonijiet fejn dawn jeżistu – kollha f'konformità mal-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill u d-diviżjoni tal-kompetenzi bbażata fuq it-Trattat li permezz tagħha d-drittijiet tal-ħaddiema individwali għal paga partikolari jistgħu jirriżultaw biss minn sistemi nazzjonali tal-iffissar tal-pagi u mhux minn direttiva tal-UE.

Peress li dawn ir-rekwiżiti fundamentali biex jiġi sodisfatt l-iskrutinju legali huma rispettati fit-test attwali, l-Iżvezja tista' tappoġġa l-approċċ ġenerali. Madankollu, ir-rispett għad-delimitazzjonijiet tat-Trattat, il-mudelli differenti tas-suq tax-xogħol u l-awtonomija tas-sħab soċjali għandhom jibqgħu ta' importanza kruċjali matul in-negozjati.

L-Iżvezja kienet u ser tkompli topponi kwalunkwe leġislazzjoni li twassal għal interferenza diretta mid-dritt tal-Unjoni fid-determinazzjoni tal-pagi u ser tikkontesta b'mod deċiżiv kwalunkwe leġislazzjoni li tikkostitwixxi tali interferenza.

L-Iżvezja ser taċċetta biss direttiva li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi u t-tradizzjonijiet nazzjonali."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija taqbel li t-trattament ugwali fl-impjiegi għandu jkun appoġġat minn inċentivi li għandhom l-għan li jeliminaw l-ostakli għall-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, inkluż l-eliminazzjoni ta' kwalunkwe differenza diskriminatorja bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, kif ukoll billi jiġu żgurati mekkaniżmi effettivi ta' infurzar tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

L-Ungerija tenfasizza l-appoġġ sħiħ tagħha għall-oġettiv bażiku tad-Direttiva proposta.

L-Ungerija hija impenjata li tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol nondiskriminatorji li jipproteġu lill-ħaddiema kollha, u għal dan il-għan, inħeġġu wkoll lil min iħaddem biex jieħu miżuri fil-livelli kollha biex jelimina d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, u biex isaħħaħ il-prattika ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa.

L-Ungerija tapprezza l-isforzi tal-Presidenza biex jintlaħaq ftehim dwar il-Proposta għal Direttiva biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar.

Madankollu, minkejja t-titjib li ġie introdott matul in-negożjati, kwistjonijiet kunċettwali fundamentali u għadd kbir ta' dispożizzjonijiet tal-proposta attwali - speċjalment dawk relatati mal-protezzjoni tad-data - għandhom jiġu diskussi u ċċarati aktar fil-livell tekniku fil-Kunsill.

Fir-rigward tad-Direttiva proposta l-Ungerija tixtieq tieħu d-deċiżjoni finali tagħha wara l-konklużjoni tan-negożjati interistituzzjonali u wara li tkun ikkunsidrat jekk il-prinċipji tal-proporzjonalità, iċ-ċarezza tal-istandards, il-protezzjoni tad-data, l-evitar ta' piż amministrattiv u finanzjarju eċċessiv u r-rispett għall-kompetenzi nazzjonali tal-Istati Membri humiex issodisfati kif xieraq."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fis-sistema legali nazzjonali Pollakka skont it-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, l-espressjoni "ugwaljanza bejn il-ġeneri" ser tiġi interpretata mill-Polonja bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 8 u 157, il-paragrafu 3, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li tesprimi "differenza bejn il-ġeneri fil-pagi" bħala d-"differenza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel". B'rabta ma' dan ta' hawn fuq, l-espressjonijiet li fadal li fihom it-terminu "ġeneru" ser jiġu interpretati mill-Polonja bħala "sess", f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19, il-paragrafu 1, u l-Artikolu 157, il-paragrafi 2 u 4, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Dwar il-punt "B"
nru 8:

Konklużjonijiet dwar xogħol sostenibbli tul il-ħajja

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fi ħdan il-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mal-istrumenti legalment vinkolanti fuq livell internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, f'postijiet fejn il-konklużjonijiet jirreferu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-Polonja ser tinterpretaha bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, skont l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE."

Dwar il-punt "B"
nru 9:

Konklużjonijiet dwar l-impatt tal-intelliġenza artifiċjali fuq l-
ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-UNGHERIJA

"L-Ungerija tiddikjara li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 (minn issa 'l quddiem imsejħa "l-Istrateġija"), imsemmija f'dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill, għandha tiġi interpretata b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi nazzjonali u ċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull Stat Membru.

Barra minn hekk, l-Ungerija tiddikjara li l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. L-Ungerija tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Ungeriża f'konformità mal-istrumenti dwar id-drittijiet tal-bniedem internazzjonalment vinkolanti u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għal "sess" fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Impatt tal-Intelliġenza Artifiċjali fuq l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fis-Suq tax-Xogħol."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Polonja ser tinterpreta l-espressjoni "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 8 u 157(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Polonja ser tinterpreta espressjonijiet oħrajn li fihom it-terminu "ġeneru" bħala li jirreferu għal "sess", f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 157(2) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea."

Dwar il-punt "B"
nru 11:

Regolament tal-Kunsill dwar il-qafas ta' emerġenza fir-rigward ta' kontromiżuri mediċi

(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikolu 122(1) TFUE)
Skambju ta' fehmiet

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA, IL-BELĠJU, L-IRLANDA, IL-LUSSEMBURGU, IN-NETHERLANDS, IL-FINLANDJA U L-PORTUGALL
dwar il-Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa tal-Prodotti Terapewtiċi kontra l-COVID

"Għeżież kollegi,

Din id-dikjarazzjoni qed titressaq f'isem il-pajjiżi tal-inizjattiva Benelux - l-Awstrija, il-Belġju, l-Irlanda, il-Lussemburgu u n-Netherlands - kif ukoll il-Finlandja u l-Portugall.

Il-kriżi tal-COVID aċċellerat l-iżvilupp ta' vaċċini innovattivi u mediċini emerġenti ġodda u aħna nfaħħru dan l-iżvilupp. Nemmnju wkoll li l-proċeduri tal-Akkwist Konġunt fil-livell tal-UE kienu suċċess kbir.

Bħalissa, bdiet l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti terapewtiċi kontra l-Covid.

Bħala prinċipju ġenerali, aħna nqisu li huwa xieraq li t-terapiji kollha jiġu vvalutati għall-valur kliniku tagħhom u għall-kosteffettività tagħhom fi ħdan proċessi nazzjonali jew internazzjonali stabbiliti, jekk ikun possibbli, qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet dwar ir-rimborż jew l-akkwist. Jekk dan ma jkunx possibbli, dawk id-deċiżjonijiet għandhom jibqgħu preliminari u jkunu soġġetti għal rieżami abbażi tal-konklużjonijiet dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa.

Ir-Regolament dwar l-Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa li għadu kif ġie adottat ser jipprovdi għodda essenzjali għall-valutazzjoni klinika fil-livell tal-UE, u r-Regolament ser jibda japplika fl-2025.

Fil-fatt, il-mekkaniżmi eċċezzjonali li ntużaw matul il-pandemija għall-akkwist konġunt jistgħu ma jsirux mudell ġdid għal aċċess u finanzjament aċċellerati bl-evitar ta' valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa indipendenti u bbażata fuq l-evidenza.

Għaldaqstant, u fid-dawl tal-għadd dejjem jikber ta' prodotti terapewtiċi potenzjali kontra l-Covid, aħna nilqgħu lill-korpi nazzjonali rispettivi tal-Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa biex itejbu l-iskambju ta' informazzjoni u biex jikkunsidraw it-twettiq ta' valutazzjonijiet kliniċi konġunti dwar l-għażliet differenti ġodda ta' trattament għall-COVID. F'dan il-kuntest, l-EUnetHTA ġie mistieden jikkollabora friezamijiet li jsiru fi żmien xieraq. Aħna nħeġġu lill-EMA u lill-industrija biex jappoġġaw dan l-isforz billi jaqsmu d-data klinika disponibbli mingħajr dewmien.

Nirringrazzjakom tal-attenzjoni."

DIKJARAZZJONI MIN-NETHERLANDS, IL-BELĠJU, IL-POLONJA U L-PORTUGALL, appoġġata mill-ĠERMANJA U R-REPUBBLIKA ĊEKA

"Nixtieq nesprimi l-appoġġ tan-Netherlands għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa.

Hemm ħafna oqsma ta' azzjoni importanti f'dawn il-konklużjonijiet, madankollu, nixtiequ niffukaw fuq qasam wieħed b'mod partikolari, dak tas-sigurtà tal-provvista ta' isotopi radjuattivi mediċi għad-dijanjożi u t-trattament tal-kanċer u mard ieħor.

F'dak ir-rigward, in-Netherlands, il-Belġju, il-Polonja u l-Portugall jilqgħu b'idejn miftuħin il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer u l-Pjan Direzzjonali ta' Implimentazzjoni tiegħu li ġie ppubblikat reċentement u l-Pjan ta' Azzjoni SAMIRA, biex jittejjeb l-aċċess fi żmien xieraq tal-pazjenti Ewropej għad-dijanjożi u t-trattament tal-kanċer u mard ieħor.

Il-Kummissjoni ppubblikat reċentement żewġ studji importanti li jikkonkludu li l-użu ta' isotopi radjuattivi mediċi għal terapija mmirata kontra l-kanċer ser jiżdied drastikament u li mingħajr ma tiġi sostitwita l-infrastruttura attwali tal-produzzjoni Ewropea li qed teqdiem, l-UE ser tkun dipendenti fuq il-provvista barranija. Dan jista' potenzjalment jikkawża nuqqasijiet serji ta' isotopi radjuattivi u jipperikola l-aċċess għal trattamenti vitali għaċ-ċittadini Ewropej kollha.

L-istudji jissottolinjaw ukoll il-ħtieġa ta' azzjoni konċertata fil-livell tal-UE biex tissaħħaħ il-katina tal-provvista ta' isotopi radjuattivi mediċi fuq perijodu ta' żmien medju u twil. Permezz ta' dan, l-Ewropa tista' tkun awtosuffiċjenti u żżomm l-aċċess fi żmien xieraq u ugwali tal-pazjenti tal-UE għal proċeduri mediċi vitali u tiżviluppa trattamenti innovattivi fil-qasam tal-kanċer u mard ieħor. Il-parteċipanti fil-katina tal-provvista għandhom jimplimentaw l-irkupru tal-ispejjeż kollha, li jippermetti kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn il-produtturi Ewropej u dawk barranin.

Aħna impenjati li nikkooperaw mal-Istati Membri, mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Parlament Ewropew, mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati, biex niżguraw iż-żamma tal-provvista ta' isotopi radjuattivi mediċi u ntejbu l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà ta' trattamenti innovattivi tal-kanċer għall-pazjenti Ewropej kollha.

Nappellaw lill-Kummissjoni biex tieħu f'idejha t-tmexxija u tikkoordina dawn l-oqsma ta' azzjoni u ttipprovdi finanzjament adegwat u sostenibbli, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ministeri għas-saħħa u taħt il-kappa tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer u SAMIRA. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni hija mistiedna torganizza laqgħa mal-partijiet ikkonċernati biex tħejji l-ħidma dwar l-Inizjattiva Qafas Ewropea dwar ir-Radjoisotopi (ERVI) u tippubblika pjan direzzjonali għal diskussjoni politika fil-Kunsill kmieni fl-2022.

Din id-dikjarazzjoni saret f'isem il-Belġju, il-Polonja, il-Portugall u n-Netherlands, u nistiednu lil Stati Membri oħrajn biex jingħaqdu magħna.

Dawn l-Istati Membri ser iħejju wkoll dikjarazzjoni bil-miktub (dikjarazzjoni konġunta) dwar dan is-suġġett.

Grazzi."